Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 616/2016

Il-Pulizija
(Spettur Jonathan Ferris)

Vs

Simon Spiteri

Illum 30 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Simon Spiteri detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 470763M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, bejn ix-xhur ta' Lulju, 2006 u Settembru 2007, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann,

jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' elfejn seba' mija u hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu tal-Euro (€2795.25) (ekwivalenti ghal LM1200) ghad-dannu ta' kull wiehed mis-segwenti persuni: Derek Vella mill-Mellieha, Carmel Vella mill-Mellieha, Mark Camilleri mill-Mellieha, Michael Cauchi mill-Mellieha, Stephan Attard mill-Mellieha, Victor Vella mill-Mellieha, Derrick Camilleri mill-Mellieha, Evan Camilleri mill-Mosta, Thomas G. Weening mill-Mellieha, Joseph Sant mill-Mellieha, Jeoffrey Briffa mill-Mellieha, Bernice Spiteri minn Birkirkara, Edward Sammut mill-Mgarr, Donald Borg mill-Mellieha, Reno Fenech mill-Mellieha, Nadia Borg mill-Mellieha, u Victor Vella mill-Mellieha.

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioè ha u zamm ghandu elfejn seba' mija u hamsa u disghin Euro u hamsa u ghoxrin centezmu tal-Euro (€2795.25) (ekwivalenti ghal LM1200) ghad-dannu ta' kull wiehed mis-segwenti persuni: Derek Vella mill-Mellieha, Carmel Vella mill-Mellieha, Mark Camilleri mill-Mellieha, Michael Cauchi mill-Mellieha, Stephan Attard mill-Mellieha, Victor Vella mill-Mellieha, Derrick Camilleri mill-Mellieha, Evan Camilleri mill-Mosta, Thomas G. Weening mill-Mellieha, Joseph Sant mill-Mellieha, Jeoffrey Briffa mill-Mellieha, Bernice Spiteri minn Birkirkara, Edward Sammut mill-Mgarr, Donald Borg mill-Mellieha, Reno Fenech mill-Mellieha, Nadia Borg mill-Mellieha, u Victor Vella mill-Mellieha.

3. U aktar talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati b'sentenza taghha ta' nhar is-6 ta' Dicembru, 2006, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tapplika *mutatis mutandis* id-disposizzjonijiet tal-artikolu 5 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Ligijiet ta' Malta, hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 23A (2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex f'kaz ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-Artikolu 23B tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-15 ta' April 2016, fejn il-Qorti rat illi t-tielet imputazzjoni ma tirrizultax u ghalhekk illiberatu minnha.

Illi inkwantu ghall-piena, din il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom instab hati l-imputat kif ukoll tal-konkluzzjonijiet tal-esperti medici u psikjatrici.

Ghaldaqstant, il-Qorti filwaqt li astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 308, 309, 310 (1) (a), tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu ghal sentejn prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap IX tal-Ligijiet ta' Malta gew sospizi ghal perjodu ta' erba' (4) snin.

Ordnat li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H (1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ihallas is-somma ta' elfejn seba' mija u hamsa u disghin Euro u hamsa u

ghoxrin centezmu tal-Euro (€2795.25) (ekwivalenti ghal LM1200) ghad-dannu ta' kull wiehed mill-parte leze u cioè lis-segwenti persuni u cioè Derek Vella mill-Mellieha, Carmel Vella mill-Mellieha, Mark Camilleri mill-Mellieha, Michael Cauchi mill-Mellieha, Stephan Attard mill-Mellieha, Victor Vella mill-Mellieha, Derrick Camilleri mill-Mellieha, Evan Camilleri mill-Mosta, Thomas G. Weening mill-Mellieha, Joseph Sant mill-Mellieha, Jeoffrey Briffa mill-Mellieha, Bernice Spiteri minn Birkirkara, Edward Sammut mill-Mgarr, Donald Borg mill-Mellieha, Reno Fenech mill-Mellieha, Nadia Borg mill-Mellieha u Victor Vella mill-Mellieha. Bl-applikazzjoni tal-artikolu 28H(2) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat inghata zmien sitt (6) xhur sabiex jeffettwa tali hlas.

Inoltre ordnat lill-hati sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, ihallas is-somma ta' elf, mija u seba' Euro u tlieta u sebghin centezmu (€1107.73c) rapprezentanti l-ispejjez peritali in konnessjoni ma' dawn il-proceduri lir-Registratur ai termini tal-istess artikolu.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors mahluf ta' **Jeffrey Briffa** ipprezentat fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-1 ta' Dicembru 2016, fejn talab lill-Qorti sabiex tenut kont ta' dak li jipprovdi l-artikolu 28H (4) tal-Kodici Kriminali (Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta), tistabbilixxi jum u hin mhux iktar tard minn sebat ijiem mid-data tan-notifika tar-rikors, sabiex jinstemghu l-partijiet, inkluz l-imputat, sabiex tghaddi mbaghad biex tikkonsidra dak li jipprovdi l-artikolu 28H (5) tal-istess Kodici Kriminali u tiehu dawk il-provvedimenti xierqa skont il-kaz.

Rat id-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Dicembru 2016, fejn il-Qorti wara li rat dak li jipprovdi l-Artiklu 28 (H) (5) tal-Kodici Kriminali, wara li rat li ma ngiebet ebda raguni mill-hati ghaliex il-Qorti ghandha testendi b'xahar iehor it-terminu msemmi fl-istess Artikolu, rat li mid-data tas-sentenza llum ghaddew tmien xhur u billi l-Qorti hija sodisfatta li l-hati naqas li jikkonforma ruhu mad-direttiva taghha moghtija bis-sahha ta' dan l-artikolu fis-sentenza taghha moghtija fil-15 ta' April 2016, ordnat li dik is-sentenza sospiza moghtija fil-15 ta' April 2016 ghandha tibda ssehh ai termini tal-Artikolu 28H (5) tal-Kodici Kriminali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Simon Spiteri,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-20 ta' Dicembru 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell u tirriforma s-sentenza appellata kif gej: (1) Tikkonfermaha fil-parti tar-reità; u (2) Thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok il-piena inflitta tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Simon Spiteri huma s-segwenti u cioè:-

Illi **l-aggravju li hu limitatament dwar il-piena** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponent umilment jemmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmilitaw favur temperament fil-piena inflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti.

Illi fl-umli fehma tal-esponent, l-Ewwel Onorabbli Qorti filwaqt illi sahqet fuq l-aspett retributtiv u deterrent tal-piena, ma tatx l-importanza misthoqqa lill-aspett riformattiv u ghalhekk il-piena inflitta, kemm fil-kwalità taghha u sussidjarjament u minghajr pregudizzju fil-kwantità, ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accennat u accettat fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet tal-lum. L-esponent umilment jaghmel referenza ghas-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 25 ta' April 2006, per Onorevoli Imhallef David Scicluna, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Farrugia** fejn piena ta' prigunerija ta' sentejn u nofs inflitta mill-Ewwel Onorabbli Qorti, giet revokata ghal ordni ta' servizz fil-komunità, a tenur tal-Artikolu 11 tal-Kap 446. L-umli esponent jirrileva li permezz tal-piena ta' prigunerija ta' sentejn imposta fuqu mill-Ewwel Onorabbli Qorti l-aspett riformattiv ma giex accennat, anzi l-esponenti jhoss li l-piena ta' prigunerija li giet imposta fuqu aktarx tkun kontro-produttiva f'dan il-kaz.

Fil-kawza **Il-Pulizija vs Carmen Butler** deciza mill-Qorti Kriminali tal-Appell fis-26 ta' Frar 2006 gie deciz illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti tista' tkun iddisturbata f'kaz li l-Ewwel Onorabbli Qorti tkun naqset milli tati importanza lil xi aspett jew cirkostanza partikolari tal-kaz.

Bl-akbar rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli taghti importanza l-fatt li sahhet l-esponent hija hazina hafna u per konsegwenza huwa persuna vulnerabbli hafna. L-esponent mhuwiex kapaci jiehu hsieb tieghu nnifsu u sabiex jaghmel il-bzonnijiet bazici tieghu jehtieg l-ghajnuna ta' haddiehor. L-esponent huwa dipendenti fuq haddiehor.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs Charlot Aquilina** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati fis-7 ta' Novembru 2008, l-Onorabbli Qorti sahqet fuq il-fatt illi persuna ghandha tinghata cans iehor fil-hajja taghha anke jekk l-istess persuna tkun ricediva.

Illi fis-sentenza **Il-Pulizija vs George Farrugia** deciza mill-Qorti Kriminali tal-Appell deciza fit-18 ta' Jannar 2001 kien deciz illi:

*'… anke fil-kaz ta' persuna ta' eta' mhux zghira u li huwa ricediv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna a window of opportunity li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija …'*

Rat dak li gie verbalizzat quddiemha nhar il-21 ta' Mejju, 2019 fejn Dr Edward Gatt ikkonferma li l-patrocinat tieghu Simon Attard thalas gha-saldu u li kien qieghed jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli.

Rat dak li gie verbalizzat quddiemha nhar il-21 ta' Mejju, 2019 fejn Dr Jonathon Spiteri ikkonferma li l-patrocinat tieghu Jeffrey Briffa thallas ghas-saldu u li kien qieghed jirrinunzja ghal dak kollu rinunzjabbli.

Semghet lill-partijeit jirrimettu ruhhom.

Ikkunsidrat,

Illi dan hu appell minn digriet moghti mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali wara li Jeffrey Briffa kien ipprezenta rikors fl-1 ta Dicembru, 2016 u Edward Sammut kien ipprezenta rikors nhar id-29 ta Novembru 2016 fejn stqarru li minkejja li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-15 ta' April 2016 kienet ordnat li huma jithallsu minghand l-appellant is-somma ta' €2,795.25 kull wiehed fi zmien sitt xhur mid-data tas-sentenza dawn baqghu ma thallsux u ghalhekk ipprezentaw rikors quddiem dik l-istess Qorti ai termini tal-artikolu 28H(4) tal-Kodici Kriminali sabiex jinformaw lil Qorti li l-hati l-appellant ma kienx ikkonforma ruhu mad-direttiva moghtija mill-Qorti u cioe' li jhallsu is-somma ta ' €2,795.25 kull wiehed.

Ili l-ewwel Qorti semghet lil dan Jeffrey Briffa jixhed fis-seduta tal-15 ta' Dicembru, 2016 u rat li in effetti li ma kienx thallas ta' dak dovut lilu minghand l-appellant minkejja li l-appellant kien inghata it-terminu ta sitt xhur mill-Qorti biex jghamel dan il-hlas.

L-ewwel Qorti ghalhekk ordnat li s-sentenza ta' sentejn prigunerija sospiza ghall-perijodu ta' erbgha snin li nghatat lill-appellant precedentement fejn kienet ordnat lill-appellant ihallas id-dannu lil Jeffrey Briffa u Edward Sammut tigi reza operativa.

Illi in segwitu l-appellant Simon Spiteri interpona appell u bhala aggravju stqarr li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Jinghad pero' li dan mhux appell mis-sentenza li kienet inghatat fil-konfront tal-appellant nhar il-15 ta April 2016 ghaliex f'dak il-kaz l-appell kellu jigi interpost sa zmien tnax-il jum mid-data tas-sentenza li inghatat fil-15 ta April, 2016. Izda dan hu appel, minn rikors maghmul nhar id-29 ta' Novembru 2016 ai termini tal-artikolu 28H(4) fejn Briffa stqarr li ma kienx thallas id-dannu kif ordnat mis-sentenza u ghalhekk l-aggravju li ressaq l-appellant li l-piena kienet wahda eccessiva ma jghamilx sens u dan ghaliex semmai jekk ma qabilx mal-piena moghtija f'dik is-entenza l-appellant kellu jappella minnha fi zmien tnax-il jum mill-15 ta' April, 2016 u mhux mid-digriet li inghata nhar fil-15 ta Diembru, 2016. Fid-digriet il-Qorti tal-Magistrati kull ma

ghamlet kien li ordnat li s-sentenza sospiza tigi reza operattiva minhabba n-nuqqas tal-appellant odjern li jirreogla ruhu mal-Ordni moghtija minnu.

Il-Qorti ghalhekk fid-digriet taghha tal-15 ta' Dicembru, 2016 l-Qorti ma ordnat l-ebda piena fid-digriet taghha izda ordnat li l-piena inflitta fis-sentenza taghha precedent tigi reza operattiva.

Illi illum il-gurnata l-appellant irregola ruhu tant li hallas dak dovut lil Jeffrey Briffa u lil Edward Sammut tant li kemm Briffa kif ukoll Sammut iddikajraw li m'ghandhomx pretensjonijiet ulterjuri kontra l-appellant u li xtaqu jirrinunzjaw ghal dak kollu renunzjabbli.

Konsegwentement din il-Qorti qiegdha tirrevoka d-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali fid-29 ta' Novembru 2016 fejn ordnat li s-sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi jigu rezi operattivi u stante li sar il-hlas effettiv lill-vitmi Briffa u Sammut tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rikors taghhom.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef